II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/324

**tas-7 ta' Marzu 2016**

**li jemenda u jikkoreġi l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' ċerti addittivi tal-ikel permessi fil-kategoriji kollha tal-ikel**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel biex jintużaw fl-ikel, u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.

(2) Dik il-lista tista' tiġi aġġornata skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, jew b'inizjattiva tal-Kummissjoni, jew wara li titressaq applikazzjoni.

(3) Il-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel ġiet stabbilita abbażi tal-addittivi tal-ikel permessi għall-użu fl-ikel skont id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/35/KE ([3]), 94/36/KE ([4]) u 95/2/KE ([5]) u wara li ġiet analizzata l-konformità tagħhom mal-Artikoli 6, 7, 8 u 16 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008. Il-lista tal-Unjoni tinkludi l-addittivi tal-ikel abbażi tal-kategoriji tal-ikel li magħhom jistgħu jiżdiedu.

(4) Minħabba d-diffikultajiet li nħolqu matul it-trasferiment tal-addittivi tal-ikel għas-sistema l-ġdida ta' kategorizzazzjoni stipulata fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, l-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar ma ġiex ittrasferit mill-Artikolu 2(3)(b) tad-Direttiva 95/2/KE għat-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008. Għandu jiġi żgurat li l-prinċipju ta' trasferiment ma japplikax għal dan l-ikel. Għaldaqstant, dik

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.
([2]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.
([3]) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/35/KE tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar is-sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu f'oġġetti tal-ikel (ĠU L 237, 10.9.1994, p. 3).
([4]) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/36/KE tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar il-kuluri għall-użu fl-ikel (ĠU L 237, 10.9.1994, p. 13).
([5]) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 95/2/KE tal-20 ta' Frar 1995 dwar l-addittivi tal-ikel għajr kuluri u sostanzi li jagħtu ħlewwa (ĠU L 61, 18.3.1995, p. 1).

it-tabella għandha tiġi kkoreġuta biex tinkludi l-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar stipulata fid-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), kif ġie sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(5) Fid-dawl tal-Artikolu 16 dwar l-użu ta' addittivi tal-ikel fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, huwa importanti li jiġu ċċarati l-kundizzjonijiet tal-użu tal-addittivi tal-ikel elenkati fil-kategorija tal-ikel 0. "Addittivi tal-ikel permessi fil-kategoriji kollha tal-ikel" tal-Parti E tal-Anness II ta' dak ir-Regolament u li jiġi emendat it-titolu ta' dik il-kategorija.

(6) Għaldaqstant, il-lista tal-addittivi tal-ikel tal-Unjoni trid tiġi ċċarata biex tirrifletti l-użi kollha skont l-Artikoli 6, 7, 8 u 16 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

(7) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") sabiex taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, ħlief meta l-aġġornament inkwistjoni ma jkunx mistenni li jkollu effett fuq saħħet il-bniedem. Minħabba li l-lista tal-Unjoni qed tiġi emendata sabiex tiċċara l-użi li huma diġà koperti mid-Direttivi 94/35/KE, 94/36/KE u 95/2/KE, din l-emenda tikkostitwixxi aġġornament ta' dik il-lista li ma jkunx mistenni li se jħalli effett fuq saħħet il-bniedem. Għaldaqstant, m'hemmx bżonn tintalab l-opinjoni tal-Awtorità.

(8) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu għalhekk jiġi emendat u kkoreġut skont dan.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

([1]) Id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-oġġetti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari (ĠU L 124, 20.5.2009, p. 21).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35).

*ANNESS*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

1. Wara l-annotazzjoni "12 tiżdied l-annotazzjoni 13 li ġejja fit-Tabella 1 tal-Parti A. Għaġin niexef, għajr għaġin mingħajr gluteina u/jew għaġin maħsub għal dieti ipoproteġiċi, skont id-Direttiva 2009/39/KE":

| | |
|---|---|
| "13 | Ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 609/2013 (*), inkluż l-ikel għal skopijiet mediċi speċjali għat-trabi u għat-tfal żgħar. |

(*) Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35)."

2. Il-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 hija emendata kif ġej:

(a) it-titolu tal-kategorija tal-ikel "0. Addittivi tal-ikel permessi fil-kategoriji kollha tal-ikel" hija sostitwita kif ġej:

| | |
|---|---|
| "0 | Addittivi tal-ikel permessi fil-kategoriji kollha tal-ikel għajr l-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar, ħlief fejn ikun stipulat speċifikament." |

(b) l-annotazzjonijiet għall-addittivi fil-kategorija tal-ikel "0. L-addittivi tal-ikel permessi fil-kategoriji kollha tal-ikel" huma sostitwiti kif ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | "E 290 | Diossidu tal-karbonju | quantum satis | | Jista' jintuża fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar. |
| | E 338 — 452 | Aċidu fosforiku — fosfati — difosfati — trifosfati- u polifosfati | 10 000 | (1) (4) (57) | Ikel fil-forma ta' trab niexef biss (jiġifieri ikel imnixxef matul il-proċess ta' produzzjoni, u taħlitiet minnu), minbarra l-ikel elenkat fit-tabella 1 tal-Parti A ta' dan l-Anness. |
| | E 459 | Beta-ċiklodestrin | quantum satis | | Ikel fil-forma ta' pilloli u ta' pilloli miksija biss, minbarra l-ikel elenkat fit-tabella 1 tal-Parti A ta' dan l-Anness. |
| | E 551 — 553 | Diossidu tas-siliċju — silikati | 10 000 | (1) (57) | Ikel fil-forma ta' trab niexef biss (jiġifieri ikel imnixxef matul il-proċess ta' produzzjoni, u taħlitiet minnu), minbarra l-ikel elenkat fit-tabella 1 tal-Parti A ta' dan l-Anness. |
| | E 551 — 553 | Diossidu tas-siliċju — silikati | quantum satis | (1) | Ikel fil-forma ta' pilloli u ta' pilloli miksija biss, minbarra l-ikel elenkat fit-tabella 1 tal-Parti A ta' dan l-Anness. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | E 938 | Argon | quantum satis | | Jista' jintuża fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar. |
| | E 939 | Elju | quantum satis | | Jista' jintuża fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar. |
| | E 941 | Nitroġenu | quantum satis | | Jista' jintuża fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar. |
| | E 942 | Ossidu nitruż | quantum satis | | Jista' jintuża fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar. |
| | E 948 | Ossiġenu | quantum satis | | Jista' jintuża fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar. |
| | E 949 | Idroġenu | quantum satis | | Jista' jintuża fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar." |